KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIZABILITÀ

NATIONAL COMMISSION PERSONS WITH DISABILITY

MALTA

# STQARRIJA GHALL-ISTAMPA

25 ta' Frar 2003.

## Servizz Ghajnuniet Specjali

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Dizabilità qed tohrog sensiela ta' fuljetti ta' informazzjoni biex taghti taghrif ahjar u ezatt lil pubbliku dwar is-servizzi taghha. Dawn il-fuljetti ta' informazzjoni, barra li fihom t-taghrif generali fuq is-servizz, jinkludu ukoll taghrif dwar min jista' japplika u kif jista' japplika biex jibbenefika minn dawn is-servizzi.

It-tieni fuljett li hareg illum jiddeskrivi s-Servizz Ghajnuniet Specjali (SGhS) li permezz tieghu l-Kummissjoni toffri pariri u assistenza finanzjarja lill-persuni b' dizabilità biex huma jkunu jistghu jixtru apparat li jghinhom jghixu hajja indipendenti.

Dan is-servizz jinkludi:

(a) Gbir ta' l-ahhar informazzjoni dwar l-ghajnuniet specjali ghall-persuni b' dizabilità li jinstabu kemm fis-suq lokali, kif ukoll fuq is-suq internazzjonali.

(b) Pariri minn nies professjonali u informazzjoni dwar kif persuna b'dizabilita' tista takkwista apparat skond il-htiegijiet personali taghha.

(c) Assistenza finanzjarja lill-persuni b' dizabilità skond kriterji mfassla apposta. *Id-decizjonijiet jittiehdu minn bord indipendenti. Fil-prezent il-massimu ta' din l-ghajnuna hi ta' Lm500 (li f'kazijiet eccezzjonali, tista' titla' sa Lm1,000). Fil-kaz ta' kompjuters* ***biss*** *il-massimu hu ta' Lm250 (li f'kazijiet eccezzjonali tista' titla' sa Lm500).*

(d) Ezenzjoni tal-VAT fuq kompjuters u batteriji tas-siggjiet tar-roti ta' l-elettriku.



Ċentru Ħidma Soċjali, Triq Braille, Sta. Venera ĦMR 18, MALTA
Telefon: 487789 · 448521 · 245952 Fax: 484609 Text telefon: 446536
Ċentru: 441311, ext. 218 Email: helpdesk@knpd.org

L-istatistika principali dwar dan is-Servizz ghas-snin 2001 u 2002 tinsab f' din it-tabella:

| **SERVIZZ GHAJNUNIET SPECJALI** | **2001** | **2002** |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet Godda | 223 | 291 |
| Gew Accettati | 197 | 269 |
| Ma kwalifikawx | 11 | 19 |
| Qeghdin fil-waiting list | 91 | 137 |
| Waqqghu l-applikazzjonijet | 15 | 10 |
| Pendenti | 1 | 3 |
| Apparat li gie rritornat u nghata lil applikanti l-ohrajn | 13 | 8 |
| Apparat li gie rritornat | 14 | 7 |
| Somma totali ta' ghotijiet | Lm58,966 | Lm57,539 |

Punt wiehed sinifikanti hu l-fatt li kien hemm zieda ta' 68 applikazzjoni jigifieri 30 fil-mija zieda.

**Apparat issussidjat ghas-Sena 2002:**

| | |
|---|---|
| Buggies specjali | 10 |
| Comodes | 3 |
| Hearing Aids u Radio links | 14 |
| Kompjuters | 12 |
| Lifters | 7 |
| Ohrajn | 5 |
| Pultruni specjali | 8 |
| Saqqijiet/Kuxins specjali | 4 |
| Scooters | 4 |
| Seats/Siggijiet specjali | 10 |
| Siggijiet tar-roti | 41 |
| Sodod li jitilghu u jinzlu | 19 |
| Walker/frames | 11 |

Il-Kummissjoni ser ittenni l-hidma taghha sabiex dan is-Servizz ikompli jizviluppa, dan ghaliex temmen li l-SGhS hu servizz li permezz tieghu tista' titjieb il-kwalita tal-hajja tal-persuni b' dizabilita u l-familji taghhom.

Il-fuljett dwar l-SGhS jista' jinkiseb bil-Malti u bl-Ingliz, kif ukoll f' diversi forom ohra, fosthom: bil-Braille, b' tipa kbira u fuq audio cassettes. Biex iggib kopja tal-fuljett bil-forma li tixtieq ikteb, jew cempel lill-: Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diúabilità, Centru Hidma Socjali, Santa Venera - Telefon: 2148-7789; Text telefon: 2144-6536; Email helpdesk@knpd.org.